MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Numru 738/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**vs**

**Joseph Bianchi**
**Raymond Bianchi**
**Renald Hayman**
**Emanuel Bianchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra **Joseph Bianchi** bin Emanuel u Lucia nee' Schembri, imwieled il-Marsa nhar il-5 ta' Mejju 1960 u li joqghod 172, Victory Street, Senglea u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 364560 M, **Raymond Bianchi** bin Emanuel u Lucia nee' Schembri, imwieled Senglea nhar l-24 ta' Awissu 1971 u li joqghod 172, Victory Street,

Senglea u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 386171 M, **Renald Hayman** bin missier mhux maghruf u Anna nee’ Bianchi, imwieled Pieta’ nhar il-13 ta’ Novembru 1981 u li joqghod 172, Victory Street, Senglea u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 4182 M u **Emanuel Bianchi** bin Alfred u Anna nee’ Hayman, imwieled Senglea nhar il-31 ta’ Mejju 1983 u li joqghod 172, Victory Street, Senglea u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 287983 M.

Akkuzati:

1. talli fl-10 ta’ Gunju, 2001, ghal habta tal-11.30 ta’ filghaxija, gewwa l-Isla, kkagunaw feriti hfief fuq il-persuni ta’ Chekhaly Mahmoud Ali.

2. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAF 767 a detriment ta’ Chekhaly Mahmoud liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi f’liema ammissjoni huma ppersistew anke wara li inghatalhom zmien jikkunsidraw;

Semghet il-parti dannegjata jiddikjara kif verbalizzat illum li hu qieghed jirrinunzja ghal kull procediment kriminali kontra l-imputati kemm fir-rigward il-feriti u kemm fir-rigward l-hsara, talab pero’ garanzija;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi fuq d-dikjarazzjoni maghmula spontanjament u volontarjament mill-parti leza u wara li hadet in konsidirazzjoni r-rinunzja tieghu ghal kull azzjoni kriminali u rat l-Artikoli 221 u 325 tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra l-imputati l-Artikolu 393 tal-Kap 9 u torbothom

b’garanzija fuq il-persuna taghhom ta’ Lm100 ghal zmien sena li ma jimmolestawx bl-ebda mod lill-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------